

Il-miżuri ta' emerġenza fl-Ungerija huma eżaġerati: L-UE għandha timponi sanzjonijiet u twaqqaf il-pagamenti



Il-MPE huma kkonċernati dwar il-leġiżlazzjoni ta' emerġenza fl-Ungerija minħabba l-COVID-19 u jappellaw lill-UE biex tiegħu passi

- L-istat ta' emerġenza indefinit u l-limiti għad-diskors liberu huma inkompatibbli mal-valuri tal-UE
- Il-Kummissjoni għandha tnedi l-proċedimenti ta' ksur tar-reoli tal-UE u l-Kunsill għandu jipproċedi bl-Artikolu 7
- Il-finanzjament tal-UE għandu jsir kundizzjonali fuq ir-rispett tal-istat tad-dritt

Fl-Ungerija d-demokrazija u d-drittijiet fundamentali huma mhedda, qalu ħafna -MPE, u ħeġġew lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiproteġu liċ-ċittadini Ungeriżi u l-istat tad-dritt.

F'dibattitu mal-Viċi President tal-Kummissjoni, Vera Jourová u l-Presidentza Kroata tal-UE, il-maġġoranza tal-kelliema enfasizzaw li l-miżuri ta' emerġenza meħuda mill-Gvern Ungeriż biex tiġi miġġielda l-pandemija tal-COVID-19, inkluża d-dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza illimitat, mhumiex konformi mar-regoli tal-UE u wissew dwar żieda fir-riskju għad-demokrazija.

Diversi MPE talbu lill-Kummissjoni Ewropea biex tlesti l-iskrutinju tal-bidliet legali u tnedi l-proċeduri ta' ksur tar-regoli kontra l-Ungerija. Huma talbu speċifikament li jitwaqqfu l-pagamenti lill-Ungerija, fil-qafas tal-perspettivi finanzjarji ġodda u l-pjan ta' rkupru, sakemm ma jiġix irrispettat l-istat tad-dritt. Huma kkritikaw ukoll l-attitudni passiva tal-Kunsill u insistew li dan għandu jipproċedi bil-[proċedura tal-Artikolu 7](#) mibdija mill-Parlament.

Ftit mill-MPE iddefendew id-deċiżjonijiet meħuda minn dak li huma ddeskrivew bħala Parlament elett demokratikament fl-Ungerija u qabblu l-miżuri eċċezzjonali adottati fil-pajjiż ma' dawk meħuda minn Stati Membri oħra tal-UE, bħal Franza jew Spanja.

Sfond

[Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April](#), il-Parlament diġà ddikjara li d-deċiżjonijiet fl-Ungerija biex jiġi estiż b'mod indefinit l-istat ta' emerġenza, biex il-gvern jiġi awtorizzat jiddeċiedi b'digriet, u biex tiddgħajef is-sorveljanza tal-Parlament, huma "totalment inkompatibbli mal-valuri Ewropej".

Il-MPE enfasizzaw li l-miżuri kollha relatati mal-COVID-19 "għandhom ikunu konformi mal-istat tad-dritt, strettament proporzjonati [...], direttament relatati mal-kriżi attwali tas-saħħa, limitati fiż-żmien u soġġetti għal skrutinju regolari."

Tista' tara d-dibattitu permezz tal-[video on demand](#).

Għal aktar informazzjoni

[Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern](#)

[Dikjarazzjoni mill-President tal-PE David Sassoli dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19 \(1.04.2020\)](#)

[Servizz ta' Riċerka tal-PE: L-impatt ta' Miżuri Kovid-19 dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali fl-UE \(23.04.2020\)](#)

[It-tħassib tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri: kif tista' taġixxi l-UE \(infografika\)](#)

[Ċentru Multimedjali tal-PE: ritratti bla ħlas, filmati u materjal awdjo](#)

Kuntatti

Estefanía NARRILLOS

Press Officer

☎ (+32) 2 28 31324 (BXL)

☎ (+33) 3 881 73661 (STR)

📱 (+32) 498 98 39 85

✉ estefania.narrillos@europarl.europa.eu

✉ libe-press@europarl.europa.eu

🐦 [@EP_Justice](https://twitter.com/EP_Justice)

John SCHRANZ

Press Officer

☎ (+32) 2 28 44264 (BXL)

☎ (+33) 3 881 74076 (STR)

📱 (+32) 498 98 14 02

✉ john.schranz@europarl.europa.eu
